MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2013

Appell Kriminali Numru. 213/2012

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Michael Paul Agius**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 115364 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli meta b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghax-xhur ta' Settembru u Ottubru 2011 meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil Domenica Agius u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 ta' April, 2012 li biha wara li

rat l-artikoli 338(z) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati u ghaldaqstant ikkundannatu gimgha detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-24 ta' April, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tilqa` dan l-appell u thassar is-sentenza appellata u minn din l-imputazzjoni tiddikjarah mhux hati u tilliberah skond il-ligi u minghajr pregudizzju fil-pati tal-piena tigi mposta piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-
Illi s-sentenza moghtija hija nulla stante li s-sentenza ma ssemmix l-artikolu tal-ligi li tikkontempla r-reat li tieghu l-Qorti sabitu hati u dan ai termini inter alia tal-artikolu 382 tal-Kap. 9.

Hija nulla ukoll stante li hija nieqsa ukoll milli tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati u dan ai termini inter alia tal-artikolu 382 tal-Kap. 9.

Dan ir-reat ma rrizultax minhabba li ma tresqitx l-ahjar prova. Il-prosekuzzjoni resqu kopja mhux legali ta' l-allegat kuntratt ta' separazzjoni.

Illi bla pregudizzju ghal dak fuq espost, l-Ewwel Qorti ma kellhiex bl-akbar rispett tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha billi ma giex ikkonfermat bil-gurament, mill-arte civile x-xhud li taghhom kien akkuzat l-esponent u l-ebda referenza ma saret ghall-ammont li huwa allegatment baqa` ma thallasx fil-fatt tant hu hekk li l-Qorti ma setghetx tordna l-hlas billi l-ammont baqa` oskur.

Illi bla pregudizzju ghal dak fuq espost, l-Ewwel Qorti ma kellhiex bl-akbar rispett tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha billi skond l-artikolu 8 tal-allegat kuntratt ta' separazzjoni s-somma addizzjonali ta' manteniment mhix

dovuta billi, ai termini ta’ l-istess kuntratt, ic-cirkostanzi finanzjarji tal-esponent inbidlu b’tali mod li ma jippermettux li jsir il-hlas addizzjonali (tant li llum jinsab bla xoghol). Il-partijiet kienu qablu li dan il-hlas addizzjonali ma jkunx wiehed awtomatiku imma sugget ghall-kundizzjoni imsemmija u ghalhekk dan l-ammont addizzjonali mhux dovut. Fil-fatt hemm proceduri pendenti quddiem il-Qrati Civili dwar dan il-punt.

Illi bla pregudizzju ghal dak espost fuq, dwar il-piena inflitta, l-esponent ihossu aggravat billi din il-piena inflitta hija eccessiva tenut kont in-natura u c-cirkostanzi tal-kaz u li kien hemm diversi piena u sanzjonijiet ohra li setghu jigu applikati f’dan il-kaz. Bl-akbar rispett ghandu jigi kkonsidrat l-kondotta nadifa tal-esponent, il-finanzi prekarji tal-esponent, il-fatt li l-manteniment originali dejjem thallas sa mill-1993, il-fatt li l-parte civile dejjem hadmet b’paga tajba u ghalhekk mhix fil-bzonnm il-fatt li uliedhom it-tnejn jahdmu (u li originarjament dan il-manteniment addizzjonali kien internzjonat lilhom) u l-fatt li dawn ilhom separati 20 sena.

Illi l-Ewwel Qorti, fil-konsiderazzjonijiet taghha naqset milli tqis serjament il-fatt li dan l-allegat incident huwa semmai ta’ natura kontrovenzjonali u li skaturizza ruhhu minn sitwazzjoni familjari li zgur mhux kriminuza fiha nnifisha. L-esponent u martu ghadhom kemm spiccaw rikonciljazzjoni twila 5 snin liema, m’hemmx ghalfejn inghad ikkawzat stress mill-gdid fuq l-esponent u martu.

Piena ta’ detenzjoni fuq l-esponent li ghandu kondotta netta u li qatt ma kellu kwistjonijiet mal-Pulizija hija sproporzjonata u ser ikollha effett hazin fuqhu li bhalissa qed ifittex xoghol.

Ikkunsidrat :

Waqt it-trattazzjoni semghet lill-abbli Avukat difensur jaghti l-isfond tal-hlas ta’ manteniment mill-1993 ‘l hemm dejjem sar il-hlas barra fix-xahrejn indikati ghax l-appellant kien bla xoghol.

Barra dan semghet lill-allegata vittima tghid li l-hlas ghal dawk ix-xahrejn imsemmija fic-citazzjoni issa sar.

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tirriforma s-sentenza moghtija fit-18 t'April 2012 billi waqt li tikkonfermha fejn sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni qeghda tirriformaha fejn ikkundannat lill-appellant ghal gimgha detenzjoni u minflok qed tikkundannah ihallas ammont ta' €58 li tista` tithallas fi zmien 15-il jum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------